MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 691/2004

**SMS Insurance Agency Limited (C 5645) bhala agenzija, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office p.l.c., kif surrogata fid-drittijiet ta' Ian Micallef (ID 0360069M) u l-istess Ian Micallef**

**vs**

**Carlo Galea (ID Card 0012084M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentata mill-atturi fil-15 ta' Dicembru 2004 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur Ian Micallef is-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) minnu mhallsa bhala excess fuq il-polza ta' assikurazzjoni u lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, hames mija u tmienja u tletin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm3,538.43) u jew somma ohra verjuri likwidata minn din il-Qorti rapprezentanti danni mhallsa mill-attrici fuq polza

ta’ assikurazzjoni wara ncident stradali tal-21 ta’ Dicembru, 2002 f’Rahal Gdid, meta l-konvenut kien qieghed isuq vettura BBN 043 u habat ma’ vettura IJM 999 proprjeta’ ta’ l-attur Ian Micallef u misjuqa minn Joanna Ghigo, prevja dikjarazzjoni li l-konvenut unikament responsabbli ghal dan l-incident skond il-ligi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-6 ta’ Dicembru, 2004 u ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ghall-finijiet tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghax legali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet ta’ Carlo Galea (ID 12084M) fejn eccepixxa:

1. Illi, l-incident mertu ta’ l-avviz fl-ismijiet hawn fuq premessi sehh minhabba htijiet imputabbli lis-sewwieqa (Joanna Ghigo) li dak inhar ta’ l-incident u cioe’ fil-21 ta’ Dicembru, 2002 gewwa Rahal Gdid waqt li kienet qed issuq vettura IJM 999 baqghet hierga minn triq sekondarja ghal triq principali minghajr ma’ waqfet u b’hekk baqghet diehla fil-vettura ta’ l-eccipjenti bin-numru tar-registrazzjoni BBN 043, u dana b’negligenza, imperizja u nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti tat-traffiku kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni mitluba huma esagerati.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fil-21 ta’ Dicembru, 2002 ghall-habta ta’ l-ghaxra u ghoxrin minuta ta’ filghodu (10 :20) fil-kantunier bejn Triq San Guzepp u Triq Tal-Borg, Rahal Gdid, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBN 043 misjuqa mill-konvenut

Carlo Galea u l-vettura numru tar-registrazzjoni IJM 999 misjuqa minn Joanna Ghigo, izda proprjeta' ta' l-avukat Ian Micallef.

Il-konvenut kien qieghed isuq go Triq Tal-Borg, waqt li Joanna Ghigo kienet qeda ssuq fi Triq San Guzepp. L-incident gara ezatt f'nofs l-inkrocju.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kors tas-smiegh tax-xhieda nqalghet kontroversja bejn il-partijiet dwar sinjali o meno illi seta' kien hemm fit-triq. Filwaqt li l-konvenut jallega illi fi Triq San Guzepp minfejn harget Joanna Ghigo kien hemm '*stop sign*', dan gie negat minn naha ta' Joanna Ghigo u l-avukat Ian Micallef, fejn esebew sensiela ta' ritratti minfejn jirrizulta illi dak il-hin ta' l-incident ma jidhirx illi kien hemm xi *stop sign* mall-hitan tat-triq. PS 1439 John Tabone ma nizzel l-ebda *stop sign* fl-iskizz a fol. 25 u ma jiftakarx illi kien hemm xi *stop sign* dak il-hin ta' l-incident. Qal biss, illi jekk kien hemm xi *stop sign*s ma' l-art, dawn tnehhew meta t-triq giet miksija bit-tarmak. Sussegwentement irrizulta illi wara l-incident twahhlet *stop sign* fil-kantunier f'tarf ta' Triq San Guzepp minfejn kienet hierga Joanna Ghigo. Dan, gieghel lill-konvenut jargumenta illi t-triq principali kien Tal-Borg u ghalhekk ma kellux jinstab responsabbli ghal dan l-incident.

Ikkunsidrat:

Jinghad mill-bidu nett li l-posizzjoni legali ta' sewwieq involut f'incident tat-traffiku ma kellux ikun affettwat mill-fatt illi wara l-incident l-Awtoritajiet tat-Trasport jiddeciedu li jaghmlu *stop sign* fl-inkrocju fejn gara l-incident [ara Qorti ta' l-Appell <u>Nutar Dr Michael Dingli et vs Frank Zammit</u> deciza fit-13 ta' Marzu 2001]. Iz-zewg partijiet huma taht l-obbligazzjoni illi jzommu *a proper lookout* u jagixxu b'mod diligenti, partikolarment meta jkunu qeghdin isuqu fi triq fl-abitat li hija frekwentata kemm bil-karozzi kif ukoll bin-nies.

Ghalhekk, f'dan l-istadju, l-Qorti sejra tezamina s-sewqan tal-partijiet u kif dan jinkwadra fil-konfigurazzjoni tat-triq. Il-konvenut Carlo Galea jghid illi meta wasal fit-tarf ta' Triq Tal-Borg huwa daqq il-horn, izda baqa' ghaddej. Dan, skond hu, "… ma kellix ghalfejn nieqaf fil-kantunieri. It-triq kienet tieghi." Gara pero', illi hekk kif qabad l-inkrocju, giet il-vettura l-ohra u saret il-kollizjoni.

Joanna Ghigo minn naha l-ohra tghid illi hija waqfet f'kull kantuniera illi kien hemm fi Triq San Guzepp u meta giet ghall-inkrocju in kwistjoni, waqfet, harset l-ewwel lejn ix-xellug u mbaghad lejn il-lemin u ma rat lill-hadd. Ma kien hemm l-ebda *stop sign* fit-triq u ghalhekk baqghet hierga. Izda kif lahqet ghaddiet nofs l-inkrocju, gie l-konvenut Galea minn fuq il-lemin u baqa' diehel fuq in-naha tal-lemin tal-karozza taghha b'impatt qawwi hafna tant li l-karozza ntefghet fuq il-*U barrier* li kien hemm f'tarf il-kantuniera u regghet lura ghal nofs it-triq. Giet kawzata hsara konsiderevoli kif xehed Mark Axiaq, *claims supervisor* tas-socejta' attrici. Irrizulta illi l-vettura ta' Ghido, proprjeta' ta' l-avukat Ian Micallef, kienet assikurata b'polza tat-tip *comprehensive* mas-socjeta' attrici u wara li pprocessat it-talba ta' l-avukat Micallef dan gie risarcit ghad-danni minbarra mitt lira Maltin (Lm100) *excess* li taghha qieghed jitlob hlas lura mill-konvenut f'din il-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi f'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet <u>George Bonnici et noe vs Edward D'Alfonso</u>, il-Qorti ta' l-Appell ghamlitha cara illi fin-nuqqas ta' *stop sign* sewwieq prudenti waqt li qed javvicina *crossroad* kellu jieqaf sabiex jara setax ikompli minghajr periklu ghalih jew inkella ghall-ohrajn. Huwa fl-isfond ta' dan it-taghlim illi l-Qorti sejra tezamina s-sewqan tal-partijiet.

Carlo Galea jaghmilha cara illi huwa ma waqafx fil-kantuniera izda baqa' hiereg. Waqt illi Joanna Ghigo tghid illi waqfet, esplorat it-triq u ma rat lil hadd. Hawnhekk, il-Qorti ssib illi hemm x'ticcensura fiz-zewg

sewwieqa. Carlo Galea saq b'mod ferm traskurat u imprudenti meta dan ghazel li ma jieqafx fil-kantuniera u jibqa hiereg. Ma kellu l-ebda dritt jassumi illi t-triq tieghu ghandha xi precedenza fuq xi triq ohra, aktar u aktar meta fit-triqat ma kienx hemm sinjali. Dan l-agir huwa ta' riskju kbir peress illi kien hemm il-probabbilta kbira illi jsir incident. [ara PA Zammit Pace noe vs Azzopardi 3 ta' Marzu, 1995]

Minn naha l-ohra Joanna Ghigo tghid illi waqfet fil-kantuniera, harset, ma rat lil hadd u baqghet hierga. Sakemm waqfet fil-kantuniera Ghigo ghamlet sew u jidher certa prudenza, izda ma tistax tghid illi ma rat lil hadd meta ftit wara gara l-incident. Evidentement, hawn nuqqas ta' *proper lookout* minn naha ta' Joanna Ghigo, peress illi l-konvenut Galea ma giex mis-sema u kien fit-triq f'posizzjoni ben vizibbli ghal Ghigo. La ma ratux, sinjal illi ma kinitx attenta u ghalhekk ma kinitx awtorizzata taqsam il-kantuniera minghajr assikurazzjoni li setghet taghmel dan minghajr periklu ghaliha u ghal haddiehor.

Meta ssehh kollizjoni bejn zewg vetturi f'nofs ta' nkrocju ta' triq ta' mportanza ugwali, u ma jkunx hemm xhieda li turi sewwieq aktar responsabbli minn iehor, il-konkluzjoni korretta li l-Qorti ghandha tasal ghaliha hi li z-zewg sewwieqa huma responsabbli. Il-Qorti ghandha quddiemha l-iskizz a fol. 25, minfejn jirrizulta illi t-toroq huma ta' mportanza ugwali peress illi ma hemmx indikazzjoni ta' wahda aktar importanti mill-ohra. Ghalhekk kien jinkonbi fuq il-vettura illi tkun fuq il-lemin illi taghti precedenza lill-karozza fuq ix-xellug. Dana konformi ma' l-Artikolu 83 tal-Malta Highway Code, fejn jghid, "At the intersection or junction of roads of equivalent traffic importance, where vehicles approach the intersection or point of junction simultaneously, priority shoud be accorded to the vehicles on the left."

Quindi, f'dan il-kaz id-dritta kellha tkun ghal Joanna Ghigo, izda rrizulta li din ukoll naqqset milli tosserva r-regolamenti tat-traffiku billi zzomm *a proper lookout* u taccerta ruhha li ma jkunx hemm traffiku qabel ma tghaddi biex taqsam it-triq. Izda r-responsabbilta tal-konvenut hija

aktar serja meta dan b'sens ta' negligenza u traskuragni kbira ghazel illi jinjora ghal kollox ir-regolamenti tat-toroq u jibqa'ghaddej bhalli kieku t-triq kienet tieghu, kif fil-fatt stqarr quddiem din il-Qorti [fol. 46].

Ghalhekk il-Qorti ssib illi ghandha taqsam ir-responsabilta ta' dan l-incident bejn iz-zewg sewwieqa nvoluti, kwantu ghal terz tar-responsabilita ghal Joanna Ghigo u zewg terzi ghal konvenut Carlo Galea.

Id-danni totali li qeghdin jirreklamaw l-atturi, nkuz il-mitt lira Maltin (Lm100) excess huma ta' tlett elef, sitt mija u tmienja u tletin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm3,638.43). Ghalhekk, l-ammont illi ghandu jhallas il-konvenut huwa zewg terzi tas-somma msemmija u cioe' l-ammont ta' elfejn, erba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm2,425.62).

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara lill-konvenut Carlo Galea u lil Joanna Ghigo responsabbli fi kwoti ta' zewg terzi u terz rispettivament ghall-incident stradali tal-21 ta' Dicembru, 2002 fil-kantuniera ta' Triq San Guzepp ma' Triq tal-Borg f'Rahal Gdid, u dana peress illi z-zewg sewwieqa nvoluti huma responsabbli ghall-incident fi kwoti ndikati minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' elfejn, erba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm2,425.62) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan l-ammont lill-istess atturi.

Bl-ispejjez, kwantu ghal zewg terzi ghall-konvenut Carlo Galea u terz ghall-atturi u bl-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------